MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 705/2009

**L-Avukat Dottor Carmelo Galea, karta tal-identita` numru 34356 G bhala mandatarju tal-imsiefrin Mario Schembri u Paul Schembri.**

**vs**

**Rosina Schembri; Carmel Schembri; Joseph Schembri; u Teddy Schembri u Sinitio Schembri; Dr. Mark Busuttil u l-Prokuraturi Legali Liliana Buhagiar li b' digriet tat-2 ta' Ottubru 2009 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-imsiefren Nazzareno Schembri; Giuseppa mart Victor Ward; Rocco Schembri u b' digriet tal-1 ta' Dicembru 2009 il-kuraturi deputati gew estromessi u Rosina Schembri assumiet l-atti ghall-istess konvenut assenti per mezz tan-nota datata 29 ta' Settembru 2009.**

**Il-Qorti,**

**<u>I.     PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors tal-Avukat Dottor Carmelo Galea *nomine* *d*atat 20 ta' Lulju 2009 a fol. 1 tal-process li bih l-atturi jesponu:-

Illi Anthony Schembri, gia pensjonant, bin il-mejtin Rocco u Angela nee` Camilleri imwieled u gia residenti Zurrieq, Malta miet fit-tletin (30) fa' Novembru elfejn u sebgha (2007);

Iill Anna *sive* Annetta l-istess Anthony Schembri, bint Carrnel Farragia u Anna nee` Bugeja imwielda u residenti Zurrieq Malta mietet fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Awwissu elfejn u erbgha (2004);

Illi lill-konjugi Schembri issopravivewhom I-ghaxar (10) uliedhom, il-kontendenti;

Illi mir-ricerki testamentarji imwettqa fuq id-decuji irrizulta ilii huma suppost irredigew diversi testmenti sabiex jirregolaw is-soccessjoni taghhom, u cjoe`: wiehed fit-tletin (30) ta' April elf disa' mija disgha u disghin (1999) fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja; iehor tas-sittax (16) ta' April elf disa' mija sitta u disghin (1996) fi-atti tal-istess Nutar; iehor fid-dsatax (19) ta' Jannar elf disa` mija hamsa u disghin (1995) ukoll fl-atti tal-istess Nutar; iehor tal-erbgha (4) ta' Marzu elf disa' mija hamsa u sebghin (1975) fl-atti tan-Nutar Franco Pellegrini; u iehor fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Mejju elf disa' mija wiehed u sebghin (1971) fl-atti tal-istess Nutar Pellegrini;

Illi, l-ahhar testment illi suppost sar mill-konjugi Schembri, dak fit-tletin (30) ta' April elf disa' mija disgha u disghin (1999) fi-atti tan-Nular Mario Bugeja huwa null u bla ebda effett u dan ghar-raguni illi dan it-testment mhux iffirmat mis-suppost testatrici Anna Schembri u ghalhekk huwa nieqes mill-formalita` essenzjali u rikjesta *ad validitatem* skond l-**artikolu 28(1 )(k) sub-paragrafi (i) u/jew (v);** u l-**artikolu 40 tal-Kap. 55 lal-Ligijiet ta' Malta**;

Illi *inoltre* dak it-testment huwa ukoll null u bla ebda effett ghaliex dakinhar illi suppost sar dan it-testment, Anna

Sehembri kienet affetta serjament bil-marda tal-*Alzeimer's Disease* b'tali mod u manjiera illi hija ma kinitx fil-pussess tal-fakoltajiet mentali taghha u ma kinitx kapaci taghmel testment kif sejjer jigi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li t-testment fuq imsemmi tal-konjugi Antonio u Annetta Schembri fit-tletin (30) ta' April elf disa' mija disgha u disghin (1999) fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja huwa null u bla ebda effett.

Bi-ispejjes kontra taghkom

Il-konvenuti mharrka ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qed jigu ngunti.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-atturi.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti kollha hlief Sinizio Schembri li biha ammettew it-talba kif dedotta fir-rikors guramentat u kif ukoll id-dikjarazzjoni ta' Sinizio Schembri *seduta stante* fejn ukoll ammetta t-talba attrici.
Rat li l-partijiet qablu li l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.
Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti it-talba dedotta fir-rikors guramenta tirrizulta pruvata, fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' it-talba tal-attur *nomine* kif dedotta fir-rikors guramenta bl-ispejjez bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------